MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 351/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**Vs**
**Matthew Saviour Felice Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 33084 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Dicembru u fis-sena ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Ġunju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-appellant ħati tal-akkuża

miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall- ħlas ta' multa ta' seba` mitt Ewro (€700).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fid-9 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-imsemmija sentenza u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati għamlet enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi u apprezzament żbaljat tal-provi li kumulattivament wasslu mhux biss ghal konklużjonijiet żbaljati fis-sentenza appellata iżda addirittura għal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi jibda sabiex jingħad li l-esponent ġie mitkellem mill-Pulizija Esekuttiva u rrilaxxja stqarrija fejn wara li kien caħad l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu, huwa ġie ndott biex ibiddel il-versjoni tiegħu fuq insistenza tal-Ispettur li investiga l-każ. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li dan ġie kontradett mill-Ispettur in kwistjoni fix-xhieda tiegħu.

Illi nhar il-11 ta' April, 2011 il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Alvin Privitera dwar jekk in-nuqqas ta' preżenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni kinitx leżiva tad-drittijiet ta' akkużat kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-każ il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni hija leziva tad-drittijiet sanciti fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament ma' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Fl-istess vena, diversi sentenza oħra, fosthom żewġ sentenzi mogħtija nhar it-12 ta' Frar, 2011, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak fuq spjegat (li-

Pulizija (Spettur Victor Aquiina) v. Mark Lombardi u Il-Pulizija (Supt. Norbert Ciappara) v. Esron Puilicino).

Illi l -esponent, tramite d-difensur tieghu, issolleva tali leżjoni fi-konfront tiegħu iżda,
sfortunatament, minflok ma l-Qorti tal-Magistrati kkonstat dan il-fatt u tat rimedju effettiv billi warrbet l-istqarrija mill-konsiderandi, hija għażlet li tuża provi li verament fil-kamp penali huma inaċċettabbli.

Illi qabel ma jgħaddi sabiex jeżamina dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, l-esponent ma jistax ma jissollevax il-fatt li ma saret ebda prova xjentifika tan-natura tas-sustanza misjuba fil-vettura msemmija. Naturalment wieħed jassumi li dan ma sarx
straħet esklussivament fuq dak li stqarr l-esponent b'mod leziv għad-drittijiet tiegħu. Pero' jingħad bl-akbar rispett li dan il-fatt waħdu kellu jwassal għal-liberazzjoni tal-esponent.

Illi qed jiġi wkoll rilevat li ġaladarba s-sustanza nstabet fil-vettura fejn Raymond Portelli kien passiġġier, u ġaladarba nstabet proprju fuq in-naħa tiegħu, kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ttella' l-prova li tali sustanza ma kinitx tiegħu anke b'rispett għall-prinċipju enunċjat fl-artikoli 346(1) tal-Kodiċi Kriminali. Mhux talli ma tellgħatux imma talli oġġezzjonat għall-produzzjoni tiegħu da parti tad-difiża peress li kien fl-awla meta xehed l-esponent u konsegwenza ta' hekk il-Qorti ma ppermettitx li jixhed.

Illi l-iżjed punt li jippreokkupa lill-esponent u li għandu jippreokkupa lil kull min għandu għal qalbu d-drittijiet tal-bniedem huma l-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti dwar l-opportunita' li kellu l-esponent biex jikkonsulta ma' avukat. Effettivament l-esponent għażel li joffri x-xhieda tiegħu u, waqt din ix-xiehda, ċaħad bil-qawwa li s-sustanza kienet tiegħu u li huwa kien jabbuża minn xi forma ta' droga. In kontro-eżami sarulu diversi domandi, prinċipalment mill-uffiċjal prosekutur li kienet l-istess persuna li ħadet l-istqarrija tiegħu b'mod leżiv għad-drittijiet tiegħu, dwar jekk hu kienx ikkonsulta ma' avukat

qabel ma rrilaxxja stqarrija. L-esponent irrisponda fin-negattiv għal din il-linja ta' interrogazzjoni.

Illi dwar dan il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza appellata, qalet hekk:

*"Minn hawn jirrizulta illi l-imputat kellu kull opportunita' jiehu parir legali qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tiegħu. Di piu' kellu hin biżżejjed sabiex jaħseb f'dak li kellu jgħid lill-ufficjal investigattiv meta kien qed jigi interrogat u jieħu parir fuq l-istess. Jekk huwa ghazel li ma jagħmilx hekk, dan kien ċertament nuqqas tiegħu u ma jistax jgħid li l-istqarrija li rrilaxxja hija leżiva tad-drittijiet fondamentali tiegħu għall-smigħ xieroq billi ma nghatax l-opportunita' jikkonsulta ruħu ma' avukat meta huwa kien ġie rilaxxjat mill-pulizija qabel ma ġie interrogat l-għada filgħodu."*

Illi bilkemm hemm għalfejn jingħad li dawn il-linji gwida - jekk hekk jistghu jissejħu - ftit li xejn jistgħu jigu kkombaċjati mad-drittijiet tal-bniedem. Jekk r-rekwiziti imposti mill-Qorti ta' Strasbourg u mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna jigu sodisfatti bil-mera possibilita' li wieħed jkollu l-opportunita' ipotetika li jikkonsulta ma' avukat u dan ma jagħmlux, allura forsi jkun aħjar li l-Qrati li verament jissalvagwardjaw id-drittijiet fondamentali tal-bniedem jippronunzjaw ruħhom f'dan is-sens. S'issa dan ma għamluhx. Anzi jidher ċar li ġurisprudenza qed tevolvi b'mod dejjem iktar riġidu favur dawn id-drittijiet. Jingħad bl-akbar rispett li l-proposizzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma hijiex aċċettabbli.

Ikkonsidrat

**Il-Punti Legali**

**1. L-assistenza tal-avukat waqt l-interrogatorju**

Fir-rikors tiegħu intavolat fid-**9 ta' Lulju 2012**, jiġifieri qabel ma ngħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali' fit-**8**

**t'Ottubru, 2012** l-appellant allega ksur tad-dritt tiegħu skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati ma skartatx l-istqarrija tiegħu. Skont l-appellant din kellha tkun skartata minħabba li l-appellant ma kienx assistit minn avukat.

Dwar dan l-aggravju l-Qorti ser tagħmel dawn l-osservazzjonijiet.

L-ewwelnett la l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u lnaqas din il-Qorti m'għandhom il-kompetenza li jiddeċiedu allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

It-tieni minn meta ngħataw is-sentenzi ċitati mir-rikorrent sa llum leħqu ingħataw diversi sentenzi oħra mill-Qorti Kostituzzjonali fosthom dik diġa' msemmija u oħra li ngħatat fit-22 ta' Frar 2013 fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta kontra Carmel Camilleri' **li ma mxewx mat-tliet każijiet ċitati mir-rikorrent**. Din il-Qortima tistax tinjora dan l-iżvilupp fil-każistika. F'dan il-każ dan il-bdil fil-każistika waħdu diġa' jagħmel differenza għal dak li huwa l-apprezzament tar-raġunament tal-Qorti tal-Maġistrati. Anzi addiritura jsaħħaħ dak li ddeċidiet dik il-Qorti dwar l-istqarrija.

It-tielet, hemm raġuni oħra għala r-raġuni bażika tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati għandha titqies mod ieħor milli kif qed jissottometti l-appellant. Dan il-każ kien differenti minn każijiet oħrajn għaliex mill-provi jirriżulta li din ma kenitx stqarrija li ttieħdet mal-ewwel. Ir-rikorrent tħalla jmur id-dar u ntalab biex jerġa' jmur fil-Kwartieri Ġenerali l-għada. L-istqarrija bdiet fl-10.30am u spiċċat fil-11.10am.u fiha biss 29 vers.

Kien għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati qalet li l-appellant kellu ċ-ċans imur ikellem lil xi avukat qabel ma mar għall-istqarrija l-għada filgħodu.

**Meta din il-Qorti tikkonsidra x'qalet l-aktar każistika riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-assistenza ta'**

**avukat qabel ma jinbdew il-proċeduri, ma ssib xejn legalment inkorrett fir-rimarka li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati u lanqas fil-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li tqis l-istqarrija wkoll hija u tasal għas-sentenza.**

**2. Ix-xhud li ma tħalliex jiddeponi.**

Barra dan, il-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment korretta ukoll meta użat id-diskrezzjoni tagħha u ma ħallietx xhud tad-difiża jiddeponi għax dan kien preżenti fl-awla waqt li kienu qed jiddeponu xhieda oħrajn. Il-Qorti għandha d-diskrezzjoni tagħha dwar jekk taċċettax tali xhud jew le. (Ara l-artikolu 641 tal-Kap 9). Ma jeżisti ebda dritt li wieħed itella' kull xhud li jrid (Ashingdane vs U.K.).

**Għal din ir-raġuni l-Qorti ma qed issib ebda skorrettezza fl-applikazzjoni tal-Liġi mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan ir-rigward.**

**3. Il-prova ta' x'kienet is-sustanza.**

L-appellant jgħid li ma saret ebda prova xjentifika ta' x'kienet is-sustanza u għalhekk jonqos l-att materjali tar-reat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet linja ferm differenti dwar dak kif jidher minn dan il-każ.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta (L-Onor. Imħallef Vincent de Gaetano) qalet hekk fil-każ 'Il-Pulizija kontra Sharon O'Neil' f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Jannar 2004:

'Tikkontendi li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-*cannabis* kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-*cannabis* jew "ecstasy".

Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun ikun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-*cannabis* u l-"ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga. Fil-każ in eżami din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha b'xi mod tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, konklużjoni bbażata esklussivament fuq iż-żewġ stqarrijiet tal-appellanti.'

**Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti ma qed issib xejn skorrett dwar kif imxiet il-Qorti tal-Maġistrati dwar is-sustanza li kienet il-mertu tal-każ.**

## L-Allegazzjoni ta' Apprezzament Ħażin tal-Fatti

Fir-rikors tal-appell hemm allegazzjoni li l-Qorti tal-Maġistratigħamlet apprezzament ħażin tal-fatti. Din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni magħmula mill-Ewwel Qorti sakemm din tkun waħda li setgħet tasal għaliha raġonevolment u legalment.

Il-Qorti għarblet il-provi li kienu dawn li ġejjin.

## L-Istqarrija tal-appellant – 8 ta' Diċembru 2009

Minn din l-istqarrija jirriżulta li l-appellant kien ma’ ċertu ħabib tiegħu Raymond Portelli. Huma twaqqfu f’Road block u nstabet biċċa raża tal-cannabis li kienet fuq in-naħa tal-passiġġier. L-appellant qal li dik il-biċċa raża kienet tiegħu. Huwa assuma li kienet waqgħetlu u kienet ilha hemm madwar tliet xhur. Daqshekk kien ilu ma jpejjep il-cannabis li kien beda jpejjipha madwar sena qabel. Huwa kien jixtri l-cannabis meta jkun Paceville u kien iħallas għaliha €25 kull biċċa. L-appellant kien qal li huwa ma kellux vizzju li jpejjep il-cannabis u għalhekk mhux ser jerġa’ jpejjep.

**Xhieda oħra.**

Minn xhieda oħra jirriżulta dan li ġej.

Mix-xhieda tal-Bombardier Alan Curmi jirriżulta li kienu qed isiru check points ħdejn Mount Carmel. F’waħda mill-karozzi sabu traċi suspettati reżina tal-cannabis mal-art fuq in-naħa tal-passiġġier. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma sabu ebda traċċi ta’ sustanzi illeċiti fuq il-persuni jew f’xi parti oħra tal-karozza.

Xehed ukoll Patrick Borg li kien preżenti waqt it-tfitxija fil-karozza flimkien mal-Bombardier Curmi. Huwa kkonferma li s-sustanza suspettata sabuha ħdejn il-passiġġier. Huma kienu ħadu notamenti ta’ x’kienu sabu waqt it-tfittxija.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li ma kienu sabu xejn aktar fil-karozza u lanqas ma kienu sabu sustanzi illeċiti fuq il-persuni li kienu fil-karozza.

L-Ispettur Victor Aquilina xehed li Raymond Portelli, li kien il-passiġġier fil-karozza, kien qal li s-sustanza ma kenitx tiegħu. Min-naħa l-oħra l-appellant qal li kienet tiegħu. Hawn irrefera għall-istqarrija li kien għamel l-appellant.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kienx wissa lill-appellant dwar il-possibilita' ta' għajnuna legali minħabba li dak iż-żmien kien għadu ma daħalx fis-seħħ il-provvediment dwar l-għajnuna legali.[1]

Fil-verbal tas-17 t'April 2012 l-appellant iddikjara li ma jsibx oġġezzjoni li ma tiġix prodotta x-xhud Bdr Jackie Xuereb peress li hu kien qed jiddikjara li hu kien qiegħed fil-karozza met saret it-tfittxija.

Xehed ukoll il-logutenent Chris Vella li qal li kien waqqaf karozza Alfa Romeo griża registration number HII001 li kienet misjuqa mill-appellant. Żewġ sultdati tiegħgu kienu sabu biċċa resina tal-cannabis fuq in-naħa tal-passiġġier fuq it-tapit.

Fil-kontro-eżami huwa qal li fil-bqija tal-karozza ma kienu sabu xejn aktar u lanqas ma kienu sabu xi sustanza suspettuża fuq il-persuni li kienu fil-karozza.

Xehed l-imputat li qal li huwa jgħix l-Ingilterra fejn qed jistudja. F'dak il-jum hu u ħabibu Raymond Portelli kienu marru sar-Rabat. Kienu twaqqfu f'roadblock u sabu xi biċċa żgħira kannella taħt il-passiġġier. Huwa kien staqsa jistax ikellem avukat iżda qalulu li Malta ma kienx hemm dan id-dritt għall-assistenza mill-avukat. Huma keinu ċaħdu li r-raża kienet tagħhom. Huwa kien itella' n-nies fil-karozza. Wara ċertu ħin ħallewhom imorru u qalulhom biex l-għada jmorru d-depot. Huwa kien iffirma l-istqarrija wara ħafna mistoqsijiet li damu madwar siegħa u matul dan il-ħin huwa baqa' jgħid le. Huwa ma riedx jinkwieta 'l ommu u 'l missieru għalxejn.

Il-Maġistrat staqsiet lill-appellant jekk kienx kellem xi avukat. L-appellant kien qal li hu ma kellux mobile fuqu. Hu ma kienx jaf numri ta' avukati u f'nofs il-lejl mhux sejjer ikellem avukat. Fl-aħħarnett l-appellant qal li fl-Ingilterra ġieli kien f'postijiet fejn xi persuni kienu qegħdin ipejpu l-ħaxixa iżda hu ma pejjipx.

[1] L-istess qal WPS12 Andrea Grech. Il-Liġi ġiet fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010.

Ikkonsidrat

Mis-sommarju tax-xhieda jirriżulta li
(a) Raymond Portelli u l-appellant kienu fil-karozza li twaqqfet fir-road block;
(b) Instabet sustanza suspettuza;
(ċ) Raymond Portelli nnega li s-ssutanza suspettuża kienet tiegħu;
(d) li fl-istqarrija l-appellant qal li r-raża meħuda mill-pjanta tal-cannabis kienet tiegħu, minn fejn kien jixtriha u kemm kien jixtriha.

Legalment l-istqarrija hija regolata b'erba' artikoli fil-Kap 9 li huma l-artikoli 658 sa 661. L-istqarrija tista' tintuża bħala prova kontra min jagħmilha. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jeżistu ċirkostanzi oħra – it-tfittxija; in-negazzjoni ta' Raymond Portelli; li l-karozza kienet tal-appellant – tant li ħallew il-karozza ta' ħabibu ħdejn id-dar tal-appellant-, u l-appellant xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet ukoll rimarki dwar ix-xhieda tal-appellant.

Fuq il-punti legali sollevati mid-difiża, il-Qorti diġa' ppronunzjat ruħha aktar 'il fuq.

Il-Qorti kkonsidrat dan kollu u, fil-fehma tal' din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati m'għamlitx xi konklużjoni legalment jew raġjonevolment żbaljata.

Il-Qorti eżaminat ukoll ir-raġunijiet li tat il-Qorti tal-Maġistrati għala waslet għal dik il-piena. Din il-Qorti qed tqis li l-appellant għandu kondotta nadifa u li jidher li huwa ssettiljat. Għalhekk qed tagħmel temperament fil-piena.

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk qed tirriforma -sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Ġunju 2012 billi waqt li tkkkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu qed tirriformaha fejn ikkundannatu jħallas multa ta' €700 u minflok qed tikkundannah biex iħallas multa ta' €500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------